*- RISARCIMENT TA' DANNI -*

*- RESTITUTIO IN INTEGRUM - DAMNUM EMERGENS -*

*- LA DIMINUZIONE PATRIMONIALE SUBITA DALLA VITTIMA -*

*- ARTIKOLU 1045 (1) TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 588/2000/RCP**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Raymond u Joanne konjugi Galea u l-istess Raymond u Joanne konjugi Galea**

**vs**

**Martin Saliba**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-4 ta' Ottubru 1999 ghal xi s-1.30 p.m., waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. DBE 645 gewwa Regional Road, Gzira, huwa baqa' diehel fil-wara ta' vettura Nru. BB1 641 misjuqa mill-attrici Joanne Galea, u propjeta' taghha u tal-attur Raymond Galea, bil-konsegwenza li l-vettura tal-atturi sfat imbuttata gol-wara ta' vettura Nru. JAE 243 misjuqa minn terzi li kienet quddiemha, liema vettura mbaghad spiccat habtet ma' vettura Nru. BBJ 449 misjuqa minn terzi li kienet fuq quddiem nett (Dok. 1);

Illi l-vettura Nru. BBI 641 kienet assikurata mas-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe taht polza ta' assikurazzjoni *comprehensive,* u l-atturi konjugi Galea, bhala l-assikurati, ghamlu *claim* wara l-incident fuq riferit;

Illi d-danni tal-atturi konsegwenza tal-habta in kwistjoni kienu jammontaw ghal sebat elef u hamsa u ghoxrin lira (Lm7025) dovuti in kwantu ghal hamest elef erba' mija tmienja u tmenin lira (Lm5488) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza *comprehensive* kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident *de quo* ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal elf hames mija sebgha u tletin lira (Lm1537) dovuti lill-atturi konjugi Galea bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive* (Dok. 2 u 3);

Illi unikament negligenza ghall-incident u konsegwenzjali danni, kien jahti il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' sebat elef u hamsa u ghoxrin lira (Lm7025) occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe is-somma ta' hamest elef erba' mija tmienja u tmenin lira (Lm5488) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza *comprehensive* kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fiddrittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal elf hames mija sebgha u tletin lira (Lm1537) lill-atturi Raymond u Joanne konjugi Galea bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive.*

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mit-8 ta' Frar 2000, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas--subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 12 tal-process;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet ta' Martin Saliba a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante illi l-eccipjent huwa ragel mizzewweg u l-mara tieghu ma gietx mharrka;

2. Illi in mertu, l-eccipjent ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza, u ghalhekk mhux responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni pretizi mis-socjeta' attrici u d-domandi tassocjeta' attrici ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont rikjamat mill-atturi ghad-danni allegatament sofferti fil-vettura BBI 641 bhala konsegwenza ta' l-incident li sehh fl-4 ta' Ottubru, 1999 gewwa Regional Road, Gzira, huwa wiehed eccessiv u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Martin Saliba a fol 18 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a fol 19 sa 23 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Gunju 2000; tas-6 ta' Lulju 2000 fejn xehdu PS 441 Louis Micallef, Joanne Galea l-attrici, Raymond Galea l-attur u Paul Barberi. Dr Zammit McKeon iddikjara li bhala xhud baqghalu biss lil Donald Pace. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghat-23 ta' Novembru 2000;

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2000 fejn Dr Nicole Vella De Fremaux ghall-konvenut irtirat l-ewwel zewgt' eccezzjonijiet tal-konvenut, b'dan li l-konvenut ammetta r-responsabilita` tal-incident. Xehdu Donald Pace u Raymond Galea. Dr Zammit McKeon iddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-27 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-26 ta' April 2001.

Rat il-verbal tas-26 ta' April 2001 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu imsejjah diversi drabi baqghu ma dehrux u peress li l-kawza kienet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut li baqa' ma deherx, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001. Aktar tard dehret Dr Fiorella DeMarco li nfurmat lill-Qorti li Dr Mario DeMarco jinsab imsiefer.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (A) <u>IL-KWISTJONI ODJERNA</u>.

Illi din l-kawza saret mill-atturi ghall-hlas ta' danni konsegwenti ghall-incident awtomobilistiku li gara fl-4 ta' Ottubru 1999 f'Regional Road, Gzira, fejn huwa allegat li l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Reg. No. DBE - 645 baqa' diehel fuq wara tal-karozza tal-attrici.

Illi l-konvenut min-naha tieghu ma huwiex qed jikkontesta r-responsabilita' tal-incident anke peress li b'verbal tat-23 ta' Novembru 2000 huwa irtira l-ewwel zewgt' eccezzjonijiet tieghu b'dan li l-konvenut qed jammetti ir-responsabilita' tal-istess incident.

Illi ghalhekk il-kwistjoni odjerna tirrivolvi ruhha dwar l-allegati danni sofferti lill-atturi, fejn l-istess atturi qed jipprtendu li ghandhom jithallsu l-ammont ta' Lm5,488 li s-socjeta' attrici hallset lill-attur bhala danni taht *"comprehensive policy",* mentri l-atturi proprju qed jippretendu li ghandhom jithallsu l-ammont ulterjuri ta' Lm1,537 rappresentanti danni ohra li skond huma soffrew minhabba l-istess incident u li ma kienx kopert bl-istess polza.

**(B)** <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizuulta li l-**attur Raymond Galea** sostna li huwa xtara l-karozza Nissan Almera, *hatchback, fully air conditioned,* u *bl-extras* kollha bil-prezz ta' Lm5,500 skond ftehim immarkat bhala Dok. RG2 datat 28 ta' Jannar 1999, meta hija kienet tiswa gdida il-prezz ta' Lm7,500.

Illi dan il-prezz gie stabbilit mill-attur u mill-agent stante li l-karozza kellha tintuza u fil-fatt intuzat ghall-skema ta' reklamar, u l-attur qed jikkontendi li ghandu jithallas is-somma ulterjuri ta' Lm1,500 rappresentanti id-differenza fil-prezz sabiex jixtri karozza gdida, u dan stabbilih meta ha in konsiderazzjoni wkoll d-*depreciation* tal-istess vettura. Qal ukoll li l-vettura kellha 9,000 k.m. meta xtaraha u 20,000 k.m. meta sar l-incident.

Illi xehed ukoll **Paul Barberi**, *claims manager u surveyor* tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-karozza kienet assigurata maghhom ghall-ammont ta' Lm5,500, li jirrifletti l-valur tal-karozza ddikjarat fil-polza minbarra l-*excess,* u dan gie ibbazat fuq dak li qalilhom l-attur u s-socjeta' assiguratrici accettat l-istess valur bhala wiehed rejali. Illi wara l-incident spezzjona l-karozza diversi drabi u flimkien ma Paul Bonnici qabblu li l-vettura kienet *"beyond economical repair",* u ghalhekk l-istess socjeta' hallset l-ammont assigurat fuq l-istess vettura pero' ma gie stabbilit ebda valur ghall-istess vettura; normalment jigi mnaqqas l-ammont ta' *depreciation* ta' 10% fuq l-ammont assigurat, izda f'dan il-kaz ma garax hekk, u apparti l-*excess,* l-attur thallas l-ammont kollu assigurat bhala valur fl-istess polza.

Illi xehed ukoll **Donald Pace**, *General Manager,* ghan-nom tas-socjeta' Nissan Motors Ltd, li qal li kien huwa li biegh l-karozza lill-attur bhala *used car,* ghaliex tali karozza kienet giet registrata fuq l-istess socjeta' sabiex juzawha huma, u fil-fatt kienet ilha fit-triq inqas minn sena; ikkonferma li l-prezz tal-istess vettura fil-bejgh lill-attur kien ta' Lm5,500, u wkoll li l-*cost* tal-istess vettura kienet ta' Lm7,500 skond dikjarazzjoni mahruga minnu minghajr data esebit bhala Dok. "RG1" a fol. 61 tal-process. Fil-fatt din il-karozza inbieghet

*second hand* ghar-ragunijiet fuq indikati u kienet tintuza mill-klijenti prospettivi sabiex jippruvawha u japprezzawha, u tawha ghalhekk *promotional value* sabiex jixtrija xi hadd illi kapaci jaghmel riklam tajjeb taghha, u fil-fatt hekk gara. Illi skond l-istess xhud tali karozza, ttiqieghed fix-*showroom* u tinhareg bhala *second hand* ghandha valur ta' *Lm6,500.* Meta stabilixxa l-prezz mal-attur dan stabbilih ghaliex dan kien il-*hairdresser* tieghu u kien jafu, u kieku kellhom jaghmlu qliegh fuqha kien ibiegha ghall-Lm6,500

**(C)** APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti mill-provi jirrizulta li din il-karozza nbieghet bhala *second hand* mis-socjeta' Nissan Motors Limited ghall-prezz ta' Lm5,500 u dan kif jirrizulta mid-dokument tat-trasferiment datat 28 ta' Jannar 1999, u dan l-ammont ta' prezz gie stabbilit stante li l-istess karozza kienet diga registrata ghal perjodu taht is-sena mal-istess socjeta' ghall-uzu personali tad-diretturi jew adetti taghha, u wkoll ghaliex serviet bhala reklam ghal introduzzjoni tal-istess vettura f'dawn il-gzejjer u fil-fatt kellha fuqha gia 9,000 k.m. meta inxtrat mill-atturi l-konjugi Galea.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car, li l-pretensjoni tal-attur Raymond u Joanne Galea f'din il-kawza qatt ma tista' tigi accettata stante li l-asserzjoni

taghhom li huma jridu jhallsu izjed biex jixtru karozza gdida bhal ma kellhom ma jregiex, peress li huma qatt ma xtraw u lanqas hallsu ghall-karozza gdida, izda ghall-karozza *second hand;* illi ghalhekk dak li l-atturi jridu jigu ikkompensati tieghu huwa d-danni li huma rejalment soffrew, u fil-kaz *de quo* dan jipprezenta l-valur tal-istess vettura fil-mument tal-incident, u tenut kont li din l-karozza kienet mixtrija uzata cirka ghaxar xhur qabel bil-prezz ta' Lm5,500, certament li l-istess ammont ghandu jirrifletti, anke jekk wiehed jinjora ghall-mument kull konsiderazzjoni ta' *depreciation,* l-valur tal-istess vettura.

Illi in effetti *ai termini* tal-**artikolu 1045 (1) tal-Kap 16** jinghad li:-

*"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet taghmel minhabba l-hsara, it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali......".*

Illi dan huwa dak li jissejjah f'termini guridici d-*damnum emergens,* li ma huwa xejn hlief dak li **Andrea Torrenete** jsejjah bhala *"la dimunizione patrimoniale subita dalla vittima"* tant li f'termini reali "*il-risarcimento, di solito, si opera 'per equivalente' vale a dire*

*attribuendo alla vittima una somma di denaro commisurata alla entita' del pregudizio cui si intende porre riparo"* **(Manuale di Diritto Privato -** para. 431 - 432**).**

Illi tal-istess fehma huwa **Alberto Trabucchi** fejn jghid li *"il risarcimento tende a rimettere il patrimonio del soggetto nella stessa situazione in cue si sarebbe trovato, se non fosse intervenuto l'atto illecito (restitutio in integrum, o per equivalente)* **(Istituzioni di Diritto Civile -** pag.222).

Illi hekk fis-sentenza **"George Gatt vs Francis E. Carbone *nomine*"** (A.C. 7 ta' Lulju 1998) inghad illi :-

*"Il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioe' titpogga f'sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghall-'lucrum cessans' u 'damnum emergens', milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu".* (wkoll **"Mario Camilleri vs Mario Borg *et nomine*" -** P.A. (G.M.B) 8 ta' Mejju 1990 - LXXIV.iii.512).

Illi mela applikat dan il-principju ghall-kaz odjern jirrizulta li l-prezz li l-istess atturi Galea hallsu ghall-istess karozza kien ta' Lm5,500, u dan gie ibbazzat fuq il-fatt li l-karozza ma gietx ikkonsenjata lilhom bhala

gdida, izda bhala wahda uzata, li kien ilha fit-triq ghall-zmien inqas minn sena, kienet attwalment uzata mill-istess socjeta' venditrici, kellha 9,000 k.m. fuqha u kienet ukoll uzata bhala mezz ta' *promotional drive* ghall-introduzzjoni tal-istess tip ta' vettura fis-suq Malti.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha effettwaw il-prezz tal-istess vettura, tant li nbieghet bil-prezz ta' Lm5,500, meta karozza gdida tal-istess tip kienet tiswa Lm7,500 circa; ir-raguni ta' din ir-riduzzjoni tal-valur fl-istess vettura jispjega ruhu mill-fatt li l-bejgh li sar kien proprju ta' karozza *second hand* u ghalhekk kull komparazzjoni mal-valur ta' karozza gdida huwa infondat u superflu.

Illi *di piu`* jirrizulta li tali prezz tal-istess vettura gie kkunsidrat mis-socjeta' assiguratrici fil-polza relattiva bejn l-atturi bhala dak li jirrifletti l-valur attwali tal-istess vettura, u dan anke kif sostnut mis-*surveyor* u *general manager* tal-istess socjeta' attrici, apparti li abbazi tal-istess valur l-istess atturi Galea thallsu is-somma kollha hekk assigurata bhala rappresentanti l-*market value* tal-istess vettura fil-mument tal-incident.

Illi l-argument li l-istess atturi thallsu biss l-ammont li fil-fatt gie assigurat u li dan ma jirrifletiex il-*market value* tal-istess vettura, ma jistax jigi accettat fil-pendenza odjerna, u dan peress li l-istess *surveyor,*

anke meta xehed, sostna li qatt ma wasal sabiex jistabbillixi *market value* differenti tal-istess vettura, u allura certament ma giex propost mill-istess atturi *market value* differenti minn dak minnhom accettat fl-istess polza bejniethom.

Illi jinghad ukoll li l-istess socjeta' attrici lanqas setghet taghti *market value* differenti, u sostanzjalment ghola minn dak indikat fil-polza, kemm ghaliex tali valur gie accettat bhala rejali mis-socjeta' attrici meta harget l-istess polza, u wkoll ghaliex kieku kien hemm tali valur ghola bhala *market value* minn dak dikjarat fl-istess polza, certament li kien japplika l-kaz ta' *under valuation* tal-karozza assigurata li ma kienx iwassal sabiex l-istess *claim* tal-atturi Galea kienet tithallas *in full* fuq il-valur dikjarat fl-istess polza.

Illi wiehed irid wkoll jikkonsidera l-fatt li l-istess polza ta' assigurazzjoni hija ibbazata fuq il-kuncett ta' *uberimae fidae* u certament il-valur tal-istess vettura huwa punt materjali u determinanti sew ghall accettazzjoni tal-hrug ta' tali polza *comprehensive*, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali valur gie attwalment accettat mis-socjeta' attrici peress li kien jirrifletti l-valur attwali tal-karozza assigurata, u bil-hlas tal-istess ammont l-istess socjeta' attrici accettat, il-veracita' u l-korrettezza tal-istess valur tal-istess vettura, kemm fiz-zmien tal-hrug tal-polza, kemm fil-mument tal-incident,

korroborat dan kollu mill-prezz effettiv tal-istess vettura li thallas mill-atturi Galea lill-vendituri, manifestat fl-iskrittura tat-28 ta' Jannar 1999.

Illi l-argument tal-istess vendituri, tramite Donald Pace kif minnu indikat fl-iskrittura redatta minnu u esebita bhala Dok. "C" a fol. 23 tal-process, fejn sostna li l-valur tal-istess vettura huwa ta' LM7,500 ma jistax jigi accettat, stante li huwa kien qed jirreferi ghall-karozza gdida, li ma tirrapresentax il-karozza tal-atturi Galea, li huwa ammess li ma kienitx gdida, la fil-mument tal-incident u lanqas meta giet akkwistata minnu. Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-istess Donald Pace lanqas zamm ma din id-dikjarazzjoni tieghu, peress li sostna li l-valur tal-istess vettura meta wiehed jiehu skond huwa kollox in konsiderazzjoni kien ta' Lm6,500.

Illi hawn il-mistoqsija ovvja hija ghaliex din inbieghet minnu stess ghall-prezz ta' Lm5,500, u certament l-ispjegazzjoni li inbieghet b'dan il-prezz ta' Lm5,500 ghaliex l-attur Raymond Galea kien il-*hairdresser* tieghu u *"ghamiltlu pjacir"* ma hijiex it-tip ta' risposta li tistabbilixxi kredibilita' u bdil fil-*market value* tal-istess karozza differenti mill-prezz stabbilit bejn il-partijet fil-bejgh tal-vettura premessa.

Illi ta' rilevanza f'dan il-kuntest huwa dak li gie stabbilit fis-sentenza **"Jane Borg vs Joseph Perici**

**Calascione *et nomine*"** (K. (J.F) 8 ta' Lulju 1992 fejn il-Qorti sostniet li hija kienet qed tistenna lis-socjeta' assiguratrici li tipprova li l-valur kien differenti minn dak pattwit bejn s-socjeta' assiguratrici u l-assigurat, ghaliex il-partijiet fl-istess assigurazzjoni kienu qabblu bejniethom dwar il-valur tal-istess vettura. Hekk ukoll f'dan il-kaz, fejn l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw ukoll, u dan apparti dak kollu li inghad aktar il-fuq, li l-valur tal-istess vettura kien iktar gholi minn dak minnhom pattwit fl-istess polza ta' assigurazzjoni u wkoll fid-dokument tat-trasferiment tal-istess vettura bejn l-atturi l-konjugi Galea u l-vendituri.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-ammont sofferti mill-atturi Raymond u Joanne Galea fl-incident *de quo* kien il-valur attwali tal-istess karozza fil-kundizzjoni li kienet qabel l-istess incident li certament ma jistax jissupera f'dan il-kaz, il-prezz li hallsu l-istess atturi Galea ghall-akkwist tal-istess karozza cirka ghaxar xhur qabel u li kien ta' Lm5,500, anke jekk l-istess karozza f'dan il-perjodu ma soffriet ebda deprezzament notevoli.

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni li ghandhom jigu likwidati favur l-atturi huwa ta' Lm5,500 apparti spejjez ta' *survey* jew processar tal-*claim*, li jirrizulta li dawn thallsu fl-ammont ta' Lm5,488 mis-socjeta' attrici lill-atturi abbazi tal-polza *comprehensive* ezistenti, u fejn

gew surrogati fl-istess ammont permezz ta' surroga datata 25 ta' Ottubru 1999 esebita bhala Dok. "2" a fol. 11 tal-process, apparti l-Lm25 *excess* sofferti mill-atturi Raymond u Joanne Galea.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut ghall-ewwel talba attrici dwar ir-responsabbilita' tal-incident *de quo*, u filwaqt li tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, stante li l-ammont ta' danni riklamat fic-citazzjoni attrici huwa wiehed eccessiv, **tilqa' t-talbiet attrici** limitatament ghad-danni fuq riklamati, b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq rifferit tal-4 ta' Ottubru 1999 gewwa Regional Road, Gzira u ghad-danni li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi stante l-ammissjoni tal-istess konvenut, li l-istess incident gara minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti *da parte* tieghu;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' hames t'elef, hames mija u tlettax il-lira Maltija (Lm5,513) rappresentanti l-valur attwali tal-

karozza tal-atturi Raymond u Joanne Galea fil-mument tal-incident, oltre spejjez fil-processar tal-*claim,* inkluz il-hlas tal-*excess ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni ezistenti bejn is-socjeta' assiguratrici u l-atturi l-konjugi Raymond u Joanne Galea.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe is-somma ta' hamest' elef erba' mija tmienja u tmenin lira (Lm5488) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza *comprehensive* kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) rappresentanti il-hlas ta' excess li l-istess atturi Raymond u Joanne Galea kellhom ihallsu *ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni sabiex tigi processata u mhallsa l-*claim* taghhom mis-socjeta' assiguratrici, liema ammont mhux kopert bl-istess polza *comprehensive.*

Illi l-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Jannar 2000, dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Frar 2000, u dawk tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz (1/3) mill-atturi u kwantu

ghall-zewg terzi (2/3) mill-konvenut , u bl-imghax legali mid-data tat-8 ta' Frar 2000 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001**